



**BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**ta' l-1 ta' Frar, 2006**

**lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea**

**dwar l-awdituri esterni ta' l-Oesterreichische Nationalbank**

**(BĊE/2006/1)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Ewrosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Skond l-Artikolu 37(1) ta' l-Att Federali dwar l-Oesterreichische Nationalbank, il-Laqgħa Ġenerali ta' l-Oesterreichische Nationalbank (OeNB) għandha taħtar żewġ awdituri u żewġ awdituri sostituti kull sena. L-awdituri sostituti jinħatru biss fil-każ li l-awdituri ma jkunux jistgħu jagħmlu l-verifika.
- (3) Il-mandat ta' l-awdituri esterni ta' bħalissa ta' l-OeNB ma jistax jiġġedded wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2005. Jinħtieġ għalhekk li jinħatru awdituri esterni għas-sena finanzjarja 2006.
- (4) L-OeNB għażel lil KPMG Alpen-Treuhand GmbH, TPA Horwath Wirtschaftsprüfung GmbH, Moore Stephens Austria Wirtschaftsprüfungsgesellschaft mbH u BDO Auxilia Treuhand GmbH, bħala l-awdituri esterni l-ġodda tiegħu skond il-leġiżlazzjoni tal-Komunita` kif ukoll il-leġiżlazzjoni Awstrijakka dwar l-akkwist pubbliku, u l-BĊE jikkunsidra li dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ħatra.
- (5) Il-mandat ta' l-awdituri esterni jista' jiġġedded kull sena, u ma jaqbiżx terminu totali ta' ħames snin,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Huwa rrikkmandat li KPMG Alpen-Treuhand GmbH u TPA Horwath Wirtschaftsprüfung GmbH, għandhom jinħatru flimkien bħala l-awdituri esterni ta' l-OeNB għas-sena finanzjarja 2006.
2. Huwa rrikkmandat li Moore Stephens Austria Wirtschaftsprüfungsgesellschaft mbH u BDO Auxilia Treuhand GmbH għandhom jinħatru flimkien bħala l-awdituri sostituti ta' l-OeNB għas-sena finanzjarja 2006.
3. Dan il-mandat jista' jiġġedded kull sena, ma jaqbiżx terminu totali ta' ħames snin, u jispiċċa l-aktar tard fis-sena finanzjarja 2010.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fl-1 ta' Frar, 2006.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET